# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tnejn (2) ta' Diċembru 2021**

**Rikors Numru 622/13 FDP**

Fl-ismijiet

**Smash Communications Limited**
**(C 16065)**

**Vs**

**Robert Coleiro (ID 202080M)**
**eżerċjenti fil-kummerċ taħt l-isem ta' Easy Shopping**
**u**
**Josef Galdes, kjamat in kawża b'digriet tal-Qorti datat 9 ta' Marzu 2015**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 26 ta' Ġunju 2013, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' attriċi hija proprjetarja tal-istazzjon televiżiv magħruf bħala Smash Television.*

    2. *Illi l-intimat għamel diversi xandiriet fuq l-istazzjon televiżiv Smash Television u dana inter alia sabiex jirreklama diversi prodotti li kienu qed jiġu mibjugħa minnu eżerċenti il-kummerċ taħt l-isem ta' Easy Shopping;*

3. *Illi l-intimat għad fadallu jħallas bilanċ ta' għoxrin elf disa' mija u tnejn u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€20,992.50c) in konnessjoni ma' ħlasijiet għal dawna x-xandiriet u dana hekk kif se jiġi ppruvat permezz ta' dina l-kawża;*

4. *Illi l-intimat baqa' ma ħallasx l-ammont dovut u hawn fuq indikat nonostante li s-soċjeta' rikorrenti bagħtet lill-intimat diversi ittri legali u ittra ġudizzjarja f'dan ir-rigward;*

*Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha;*

1. *Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli għall-ħlas ta' għoxrin elf disa' mija u tnejn u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmu [€20,992.50c) a favur is-soċjeta' rikorrenti in konessjoni ma' ħlasijiet għal xandiriet trasmessi minnu fuq l-istazzjon Smash Television;*

2. *Tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' għoxrin elf disa' mija u tnejn u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmu [€20,992.50c) lis-soċjeta' rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk taż-żewġ Mandati ta' Sekwestru Kawtelatorji bin-numru 588/2013 u tal-ittra uffiċjali numru 131/13 u bl-imgħax kummerċjali mid-data minn meta l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.*

2. Rat illi fil-5 ta' Lulju 2013 il-kawża ġiet appuntata għas-16 ta' Ottubru 2013.

3. Rat illi saru tentattivi sabiex jinnotifikaw lil Robert Coleiro bil-posta normali fid-9 ta' Lulju 2013 u wara l-ħinijet legali fit-23 ta' Marzu 2014, iżda ma ġiex notifikat.

4. Rat illi fit-3 ta' April 2014, deher l-intimat Robert Coleiro, illi ta' ruħu notifikat w ingħata żmien sabiex jippreżenta d-difiża tiegħu.

5. Rat illi fit-3 ta' April stess, l-intimat Robert Coleiro ippreżenta l-eċċezzjoniijiet tiegħu, fejn qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi għandha tiġi dikjarata deżerta ai termini tal-artikolu 963(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-proċeduri bil-miktub ma ngħalqux entro t-terminu perentorju ta' żmien stabbilit bil-liġi, u għaldaqstant l-eċċipjent għandu jkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

    2. *Illi subbordanitament u bla preġudizzju għall-premess, il-pretensjonijiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-reklamar li tiegħu qiegħed jintalab il-ħlas ma kienx awtorizzat mill-*

*eċċipjent u sar ukoll ad insaputa tiegħu, filwaqt illi dak ir-reklamar li kien awtorizzat, għajr għas-somma bilanċjali ta' elf u tmienja u tletin ewro u ħamsin ċenteżmu (Euro 1038.50), tħallas.*

3. *Illi subbordanatament u bla preġudizzju għall-premess l-ammont ta' elf u tmienja u tletin ewro u ħamsin ċenteżmu (Euro 1038.50) inżammu u ma tħallsux, sakemm s-soċjeta' attriċi tirrilaxxa l-irċevuti fiskali għall-ħlasijiet li sarulha, sabiex b'hekk l-eċċipjent ikun jista' jitlob refużjoni mingħand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq l-Valur Miżjud, tat-taxxa mħallas in konnessjoni ma' dawn l-ispejjeż stante illi dawn l-ispejjeż kienu spejjeż tan-negozju.*

4. *Illi subbordanatament u bla preġudizzju għall-premess, l-eċċipjent ma għamel ebda benefitċċju mir-reklami li allegatament saru mingħajr awtorizżazzjoni tiegħu, stante li dakinhar li allegatament saru huwa kien qiegħed ixolji n-negozju tiegħu u dana kif ser ikun qiegħed ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

5. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri u b'reserva għal kull azzjoni oħra spettanti lil eċċipjent għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kontra s-soċjeta' rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti u bis-soċjeta' rikorrenti nġunta minn issa għas-subizzjoni.*

6. Rat illi, permezz ta' deċiżjoni preliminari mogħtija fit-22 ta' Jannar 2015, il-Qorti, diversament ippresjeduta, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-intimat u ordnat it-tkomplija tal-provi.

7. Rat illi, permezz ta' rikors datat 9 ta' Marzu 2015, l-intimat Robert Coleiro talab il-kjamata in kawża ta' Josef Galdes, liema talba intlaqghet fid-9 ta' Marzu 2015. (fol 80)

8. Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2015, Josef Galdes, bħala kjamat in kawża, ippreżenta l-eċċezzjonijet tiegħu, fejn qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi t-talbiet attriċi huma fil-konfront tal-kjamat in kawża nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti għamel xi żmien impjegat tas-soċjeta' rikorrenti, l-intimat Robert Coleiro kien klijent tas-soċjeta' rikorrenti u għalhekk l-esponenti il-kjamat in kawża personalment qatt ma kellu ebda relazzjoni ġuridika fil-konfront tal-intimat.*

   2. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

   3. *Salv eċċezzjoniijet oħra u jew ulterjuri.*

9. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2015 il-kawża ġiet differita għall-provi tas-soċjeta' rikorrenti.

**Provi**

10. Rat l-affidavit ta' **Emanuel Busuttil**, accountant tas-soċjeta' rikorrenti, ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2016, (fol 96), flimkien ma' dokumentazzjoni hemm eżebita.

11. Rat l-affidavit ta' **Joseph Baldacchino**, ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2016. (fol 98)

12. Rat ix-xhieda ta' **Simon Manicolo**, rappreżentant tal-Awtorita' tax-Xandir, mogħtija fit-13 ta' Jannar 2016 fejn stqarr illi ma kellhomx ebda records tal-programmi mtellgħin minn Smash Television bejn is-snin 2009 u 2010. (fol 143)

13. Rat ix-xhieda ta' l-intimat **Robert Coleiro**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2016. (fol 152)

14. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Robert Coleiro, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fit-22 ta' Novembru 2016, (fol 156) u rat id-dokumentazzjoni ossija erbgħa ċekkijiet minnu maħruġa u ppreżentati. (fol 158 – 161)

15. Rat ix-xhieda ta' Joseph Baldacchino, mogħtija fit-23 ta' Mejju 2017 (fol 189) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebiti, ossija kopji leġibbli tad-dokumentazzjoni ġia eżebita preċendentement iżda illeġibbli. (fol 179 sa 188)

16. Rat ix-xhieda ta' **Josef Galdes** mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2017. (fol 192)

17. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Emanuel Busuttil illi ngħatat fil-11 ta' April 2018. (fol 203)

18. Rat illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ fit-2 ta' Lulju 2019.

19. Rat illi fid-29 ta' Ottubru 2020, wara diversi seduti fejn ma nġabux provi mill-intimati, l-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi bħala magħluq.

20. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti illi ġew ippreżentati fl-20 ta' April 2021. (fol 234)

21. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimat Robert Coleiro, ippreżentati fil-25 ta' Ottubru 2021. (fol 247)

22. Rat illi sottomissjonijiet tal-kjamat in kawża Josef Galdez ma ġewx ippreżentati.

23. Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2021, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

24. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi s-soċjeta’ rikorrenti, Smash Communications Limited, għandha stazzjon Televiżiv, bl-isem ta’ Smash TV, illi fuqu, fost affarijiet oħra, ttella’ riklami ta’ terzi.

25. Jirriżulta illi l-intimat Robert Coleiro, da parte tiegħu, li kien jeżerċita l-kummerċ bl-isem Easy Shopping, kien xtara varji ‘slots’ ta’ pubbliċita’ mal-istazzjon televiżiv tas-soċjeta’ rikorrenti, fejn huwa kien jirreklama l-prodotti tiegħu.

26. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni ppreżentata mis-soċjeta’ rikorrenti, illi saru s-segwenti kuntratti bejn is-soċjeta’ rikorrenti u Robert Coleiro:

   a. Kuntratt datat 21 ta’ Awissu 2009 għal reklamar fis-18.10 bejn il-25 ta’ Ottubru 2009 u s-6 ta’ Novembru 2009, bl-import totali ta’ **€2,065**. (fol 179)

   b. Kuntratt datat 21 ta’ Awissu 2009 għal reklamar fis-18.10 bejn id-9 ta’ Novembru 2009 u l-25 ta’ Diċembru 2009, bl-import totali ta’ **€2,450**. (fol 180)

   c. Kuntratt datat 8 ta’ Ottubru 2009 għal reklamar fis-13.50 bejn it-12 ta’ Ottubru 2009 u t-23 ta’ Ottubru 2009, bl-import totali ta’ **€700.** (fol 181)

   d. Kuntratt datat 15 ta’ Ottubru 2009 għal reklamar fis-13.50 bejn is-26 ta’ Ottubru 2009 u l-24 ta’ Diċembru 2009, bl-import totali ta’ **€3,080**. (fol 182)

   e. Kuntratt datat 11 ta’ Diċembru 2009 għal reklamar fis-13.50 bejn il-11 ta’ Jannar 2010 u s-26 ta’ Frar 2010, bl-import totali ta’ €**3,245**. (fol 183)

   f. Kuntratt datat 11 ta’ Diċembru 2009 għal reklamar fid-09.00 bejn il-11 ta’ Jannar 2010 u s-26 ta’ Frar 2010, bl-import totali ta’ €**2,450**. (fol 184)

   g. Kuntratt datat 24 ta’ Marzu 2010 għal reklamar indikat bħala ‘World Cup Programme’, bl-import totali ta’ €**500**. (fol 185)

27. Jirriżulta mid-dokumentazzjoni eżebita, illi l-kuntratti fuq lkoll eżebiti, li għandhom import totali ta’ €14,490, kienu lkoll iffirmati mill-intimat, Robert Coleiro.

**Kuntratt mhux iffirmat**

28. Jirriżulta illi s-soċjeta’ rikorrenti tikkontendi illi kien hemm ukoll kuntratt ieħor li kien dovut, ossija dak datat 7 ta’ Settembru 2010 (fol 106 u 186) u dana għal servizz bejn l-1 ta’ Marzu 2010 u t-30 ta’ April 2010 għal reklam fis-13.50 u bejn it-3 ta’ Mejju 2010 u t-13 ta’ Awissu 2010 għal reklami fis-13.50 u l-16.10, u dana fl-import totali ta’ €13,150.

29. Jirriżulta illi dana il-kuntratt ma huwiex iffirmat mill-intimat, fatt illi huwa aċċettat anke mis-soċjeta' rikorrenti, stante illi s-soċjeta' rikorrenti, tramite ir-rappreżentant tagħha Joseph Baldacchino, jikkontendi illi tali servizz kien qiegħed jingħata lill-intimat bi żvista da parte tagħhom billi ma kienx hemm kuntratt iffirmat, u wara li ndunaw b'tali żball, huma ħarġu l-kuntratt fis-7 ta' Settembru 2010 b'mod retroattiv, liema kuntratt iżda qatt ma ġie ffirmat minn Robert Coleiro.

30. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat Robert Coleiro kien oġġezzjona illi jiffirma u/jew jaċċetta l-kuntratt tas-7 ta' Settembru 2020 meta kien issejjaħ biex jagħmel dan minn Joseph Baldacchino, u dana peress illi huwa kien waqaf bin-negozju tiegħu u għalih, l-aħħar kuntratt kien dak li kien iffirma fl-24 ta' Marzu 2010, stante illi wara dakinhar huwa beda jżarma bil-ħanut tiegħu.

31. Il-Qorti tosserva illi, għalkemm is-soċjeta' rikorrent setgħet pprovdiet is-servizzi ta' reklamar għar-rikorrent, fatt illi madanakollu ma ressqitx provi li attwalment għamlet bejn l-1 ta' Marzu 2010 u t-13 ta' Awissu 2010, xorta waħda għal tali servizzi hija qatt ma kellha l-awtorizzazzjoni ta' l-intimat Robert Coleiro illi taghmel, u wisq anqas kien hemm obbligu da parte ta' l-intimat Robert Coleiro illi jagħmel tajjeb għal tali reklami, bir-riżultat illi issa s-soċjeta' rikorrenti ma tistax titlob għal ħlas tas-servizz minnha reż bejn l-1 ta' Marzu 2010 u t-13 ta' Awissu 2010 abbażi ta' ftehim datat 7 ta' Settembru 2010, peress illi l-intimat Robert Coleiro qatt ma ftiehem għal tali servizzi.

32. Għalhekk, il-ħlas għas-servizz kif indikat fil-kuntratt tas-7 ta' Settembru 2010 ma jistax jiġi kkunsidrat favorevolment minn dina l-Qorti.

## Pagamenti mhux dovuti skond l-intimat

33. Jirriżulta illi l-intimat Robert Coleiro jikkontendi illi huwa kien iħallas għal tali servizzi permezz ta' pagamenti, kemm fi flus kontanti, kif ukoll f'ċekkijiet.

34. Jirriżulta, di fatti, illi l-intimat Robert Coleiro, mid-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti, għamel is-segwenti pagamenti fi flus kontanti:

    a. Pagament ta' €206.50 fil-21 ta' Awissu 2009 (fol 108)
    b. Pagament ta' €400 fit-23 ta' Awissu 2009 (fol 109)
    c. Pagament ta' €600 fit 30 ta' Novembru 2009 (fol 115)
    d. Pagament ta' €400 fis-16 ta' Marzu 2010 (fol 116)
    e. Pagament ta' €300 fl-20 ta' April 2010 (fol 117)
    f. Pagament ta' €400 fil-25 ta' Mejju 2010 (fol 125)
    g. Pagament ta' €300 fit 8 ta' Ġunju 2010 (fol 107)
    h. Pagament ta' €235 fit 28 ta' Ġunju 2010 (fol 118)
    i. Pagament ta' €350 fit-22 ta' Novembru 2010 (fol 119 u 136)
    j. Pagament ta' €200 fit 22 ta' Dicembru 2010 (fol 120)
    k. Pagament ta' €300 fil-21 ta' Jannar 2011 (fol 121)
    l. Pagament ta' €200 fis-17 ta' Frar 2011 (fol 122 u 137)
    m. Pagament ta' €200 fit-8 ta' April 2011 (fol 123 u 138)

n. Pagament ta' €150 fit-2 ta' Mejju 2011 (fol 124 u 139)

35. Jirriżulta illi, bħala flus kontanti, l-intimat ħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' €4,241.50 fi flus kontanti.

36. Jirriżulta wkoll illi l-intimat ħallas is-segwenti ammonti permezz ta' ċekkijiet, liema ċekkijiet l-istess intimat eżebixxa:

a. Pagament ta' €451.50 fit-23 ta' Awissu 2009 (fol 110 u 159)
b. Pagament ta' €700 fit-28 ta' Ottubru 2009 (fol 111 u 158)
c. Pagament ta' €750 fit-18 ta' Novembru 2009 (fol 112 u 160)
d. Pagament ta' €800 fl-14 ta' Diċembru 2009 (fol 113 u 161)

37. Jirriżulta, għalhekk, illi permezz ta' ċekkijiet, l-intimat ħallas l-ammont ta' €2,701.50.

38. Jirriżulta għalhekk, illi skond is-soċjeta' rikorrenti, l-intimat Robert Colerio ħallas b'kollox l-ammont ta' €6,943.

39. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, li fix-xhieda mogħtija minn Robert Coleiro fl-4 ta' Ottubru 2016, huwa jikkontendi illi attwalment ħallas l-ammont ta' €13,150 lis-soċjeta' rikorrenti u li huwa ghandu l-firma tal-kjamat in kawża Josef Galdes, li dak iż-żmien kien impjegat tas-soċjeta' rikorrenti, fuq il-karti tiegħu, liema karti kienu attwalment ġew ippreżentati mis-soċjeta' rikorrenti flimkien mal-inkartament kollu tagħha, bejn paġni 126 sa 139 tal-proċess.

40. Jirriżulta illi tali dokumenti msemmija mill-intimat Robert Coleiro huma attwalment kitba fuq ktieb ta' riċevuti li fihom data, isem ta' "*Josef Galdes – Smash*", indikazzjoni ta' ammont ta' flus, u firma taħt bil-kliem "*Smash*" fuqha.

41. Jirriżulta illi tali dokumenti jindikaw is-segwenti flejjes:

a. Dok No 086001, datata 21 ta' Awissu 2009, hemm il-kliem "*APS Cheque €451.50*", u fil-parti ta' taħt, b'kitba differenti, hemm miktub "***paid***" (fol 126), indikazzjoni li dana huwa rikonoxxjut bħala mħallas mis-soċjeta' rikorrenti.
b. Dok No 086002, datat 23 ta' Ottubru 2009, hemm il-kitba "*two thousand seven hundred euros*" u viċin l-ammonti bil-kitba ta' €2,450 u €250. (fol 127)
c. Dok No 086004, datat 13 ta' Novembru 2009, hemm il-kitba "*eight hundred euro, Banif Cheque*" u fil-parti ta' taħt, b'kitba differenti, hemm miktub "***paid***" (fol 128), indikazzjoni li dana huwa rikonoxxjut bħala mħallas mis-soċjeta' rikorrenti.
d. Dok No 086005, datat 11 ta' Diċembru 2009, hemm il-kitba "*eight hundred and fifty euro, Banif Cheque*". (fol 129)
e. Dok 086006, datat 4 ta' Frar 2010, hemm il-kitba "*seven hundred Euro*". (fol 130)

f. Dok 086007, datat 25 ta' Marzu 2010, hemm il-kitba "*One thousand seven hundred euros*". (fol 131)
g. Dok 086008, datat 20 ta' April 2010, hemm il-kitba "*One thousand three hundred euros*". (fol 132)
h. Dok 086009, datat 25 ta' Mejju 2010, hemm il-kitba "*one thousand five hundred euros*". (fol 133)
i. Dok 086010, datat 9 ta' Ġunju 2010, hemm il-kitba "*one thousand five hundred euros*". (fol 134)
j. Dok 086014, hija difficilment leġibbli, iżda jidher illi ġġib id-data tal-21 ta' Jannar 2011 u hemm ammont ta' €800, filwaqt illi taħt hemm il-kliem b'kitba differenti "***paid***" (fol 135), indikazzjoni li dana huwa rikonoxxjut bħala mħallas mis-soċjeta' rikorrenti.
k. Dok 086016, datat 22 ta' Novembru 2010, hija ffirmata minn Ronald Azzopardi, impjegat ieħor tas-soċjeta' rikorrenti, u hemm miktub "*Paid Smash TV €350*", u taħt hemm il-kliem b'kitba differenti "***paid***" (fol 136), indikazzjoni li dana huwa rikonoxxjut bħala mħallas mis-soċjeta' rikorrenti.
l. Dok 086017, datat 17 ta' Frar 2011, hemm firma simili għal dik ta' Ronald Azzopardi u hemm mitkub "*Paid Smash TV €200*", u taħt hemm il-kliem b'kitba differenti "***paid***" (fol 137), indikazzjoni li dana huwa rikonoxxjut bħala mħallas mis-soċjeta' rikorrenti.
m. Dok 086020, datata 8 ta' April 2011, hemm firma simili għal dik ta' Ronald Azzopardi u hemm mitkub "*Paid Smash TV the sum of two hundred Euros*", u taħt hemm il-kliem b'kitba differenti "***paid***" (fol 138), indikazzjoni li dana huwa rikonoxxjut bħala mħallas mis-soċjeta' rikorrenti.
n. Dok 086021, datata 2 ta' Mejju 2011, hemm firma simili għal dik ta' Ronald Azzopardi u hemm miktub "*Paid Smash TV the sum of €150*", u taħt hemm il-kliem b'kitba differenti "***paid***" (fol 139), indikazzjoni li dana huwa rikonoxxjut bħala mħallas mis-soċjeta' rikorrenti.

42. Jirriżulta illi l-flejjes indikati f'tali riċevuti jammontaw komplessivament għal €13,201.50.

43. Jirriżulta illi, minn tali riċevuti, hemm ammont komplessiv ta' €2,991.50 illi huma pagamenti li lkoll kienu indikati bħala 'paid', u illi di fatti jirriżultaw riflessi fil-pagamenti indikati mill-istess soċjeta' rikorrenti fid-dokumentazzjoni minnha ppreżentata. (vide fol 110 u 126; fol 113 u 128; fol 119 u 136; fol 122 u 137; fol 123 u 138; fol 124 u 139)

44. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-bilanċ tal-ammonti indikati f'tali riċevuti, ossija €10,210, ma jidhru indikati mkien fil-konteġġi tas-soċjeta' rikorrenti.

45. Jirriżulta li, meta xehed Josef Galdes dwar tali ricevuti, huwa saħaq illi huwa kien salesman għas-soċjeta' rikorrenti u kien ġieli jiġbor il-flus għas-soċjeta' rikorrenti meta kienu jiġu lilu mħallsa, fosthom anke fil-każ ta' l-intimat, meta kien jagħmel il-pagament.

46. Jirriżulta, madanakollu, rinfaċċjat bil-varji dokumenti prodotti mis-soċjeta' rikorrenti u li l-intimat Coleiro kkontenda li għamilhom hu meta kien jgħaddi l-flus lil Josef Galdes, Galdes saħaq illi mkien ma kien hemm il-firma tiegħu, inkluż f'dawk id-dokumenti fejn jidher ħlas illi attwalment huwa rifless fil-konteġġi tas-soċjeta' rikorrenti – vide fol 126 u 128 – liema pagamenti kienu attwalment saru permezz ta' ċekk mill-intimat Robert Coleiro.

## Kemm huwa attwalment dovut

47. Jirriżulta, kif ġia fuq stabbilit, illi permezz ta' kuntratti debitament iffirmati mill-intimat, is-soċjeta' rikorrenti pprovdiet lir-rikorrent servizz ta' reklamar bl-import totali ta' €14,490 (vide para 27).

48. Jirriżulta, kif fuq wkoll stabbilit, illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi li, sa issa, huwa ħallas b'kollox l-ammont ta' €6,943, kemm fi flus kontanti kif ukoll permezz ta' ċekkijiet, kif fuq aħjar deskritt. (vide para 34 sa 38)

49. Jirriżulta, għalhekk, illi għal dak li jirrigwarda l-import tal-kuntratti iffirmati mill-intimat, għad fadal bilanċ a favur tas-soċjeta' rikorrenti ta' €7,547.

50. Jirriżulta illi l-intimat jikkontendi illi huwa ħallas ammont ta' €13,201.50 u ta' dan għamel referenza għal serje ta' riċevuti li gew eżebiti mill-istess soċjeta' rikorrenti wkoll.

51. Jirriżulta, madanakollu, illi minn tali pagamenti minnu indikati li għamel, ħafna minnhom lil Josef Galdes personalment, is-soċjeta' rikorrenti rċeviet biss l-ammont ta' €2,991.50, (vide para 43), li hija rrikonoxxiet bħala pagamenti li saru – dwar il-bilanċ illi l-intimat Coleiro jikkontendi illi għamel, is-soċjeta' rikorrenti qatt ma rċeviet tali flejjes.

52. Jirriżulta illi l-intimat Coleiro jisħaq illi r-riċevuti ta' flejjes kontanti kienu lkoll jiġu ffirmati minn Josef Galdes, u, għalkemm Josef Galdes jikkontendi illi ma għaraf ebda firma minn tiegħu fuq tali dokumentazzjoni, il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiddubita l-intimat li Josef Galdes kien attwalment jiffirma u li l-firma kienet attwalment tiegħu, u dana peress illi, il-pagamenti illi jidhru fir-riċevuti u li s-soċjeta' attwament rċeviet, kienu lkoll pagamenti li saru permezz ta' ċekkijiet, u għalhekk kellhom ta' bilfors jissarrfu minn min hu indirizzat iċ-ċekk.

53. Jirriżulta, madanakollu, illi rrispettivament minn jekk Robert Coleiro għaddiex dawna l-flejjes lil Josef Galdes jew le, jibqa' l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti ma tħallsitx tas-servizz minnha reż, u għalhekk għad irid isir il-pagament ta' tali ammont, ossija il-bilanċ ta' €7,547.

54. Il-Qorti tqis illi, la darba l-intimat jikkontendi li huwa għadda l-flus dovuti lis-soċjeta' rikorrenti lil Josef Galdes, u la darba hija inverosimili d-difiża ta' Galdes li ma hemm ebda firma tiegħu, minkejja l-fatt li uħud mill-pagamenti indikati li huwa rċieva, attwalment waslu għand is-soċjeta' rikorrenti peress illi kienu

ċekkijiet, kemm l-intimat Robert Coleiro kif ukoll il-kjamat in kawża, Josef Galdes, għandhom ibagħtu l-konsegwenzi għan-nuqqas tal-ħlas ta' dak dovut, in solidum bejniethom, sabiex eventwalment, bejniethom, jitrattaw il-pendenzi tagħhom mingħajr mas-soċjeta' rikorrenti tiġi miċħuda ulterjorment il-ħlas lilha dovut.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali w ix-xhieda prodotta;

Wara illi rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tas-soċjeta' rikorrenti u ta' l-intimat Robert Coleiro;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat Robert Coleiro u l-kjamat in kawża Josef Galdes,

**Tilqa'** t-talba tas-soċjeta' rikorrenti limitatament kif ġej:

**Tiddikjara** illi l-intimat Robert Coleiro w il-kjamat in kawża Josef Galdes huma, in solidum bejniethom, responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' sebat elef, ħames mija u sebgħa u erbgħin Euro (€ 7547), rappreżentanti l-bilanċ ta' servizzi reżi mis-soċjeta' rikorrenti lil Robert Coleiro, skond kuntratti minnu debitament iffirmati.

**Tikkundanna** illi l-intimat Robert Coleiro w il-kjamat in kawża Josef Galdes, in solidum bejniethom, biex iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' **sebat elef, ħames mija u sebgħa u erbgħin Euro (€ 7547)**.

**Imgħax u spejjeż** kif mitluba kontra l-intimat w il-kjamat in kawża insolidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**